# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Hamis tnejn u ghoxrin (22) ta' Ottubru 2015**

**Rikors Numru 50/13 FDP**

**Tony Zarb**
**(ID 136354M)**

**vs**

**Nathaniel Attard bhala Kap tal-Ahbarijiet ta' Media Link Communications Limited**
**u Samuel Grech**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors ippresentat fid 19 ta' Frar 2013 fejn ir-rikorrenti, filwaqt illi ghamel referenza ghall-intervista illi saret lill-Samewl Grech u li giet imxandra fuq NET television fil-bulletin tal-ahbarijiet tas-17 ta' Frar 2013, talab lill-Qorti tiddikjara illi tali xandira kienet malafamanti u libelluza fil-konfront tieghu u ghalhekk talab lill-Qorti tikkundanna lill-intimati d-danni a tenur ta' l-Artikolu 28 tal-Kap 248.

Rat ir-risposta ta' l-intimat Samuel Grech ippresentat fit 13 ta' Marzu 2013 fejn laqa' ghal dak mitlub billi sahaq illi t-talbiet attrici kienu infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi l-intimat ma qal xejn malafamanti fil-konfront tar-rikorrent. Sahaq ukoll illi dak li qal kien jammonta ghal *value judgment* u *fair comment* kif protett mill-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-risposta ta' l-intimat Nathaniel Attard ippresentata fil 25 ta' April 2013 fejn laqa' ghal dak mitlub billi sahaq illi il-pubblikazzjoni kienet espressjoni ta' opinjoni bbazata fuq datti sostanzjalment certi u li ghalhekk tammonta ghall-*fair comment*.

Rat illi l-kawza odjerna kienet qed tinstema kontestwalment mal-kawza 51/13 fl-ismijiet '**Tony Zarb vs Victor Camilleri u Samuel Grech**', liema kawza qieghed tigi deciza llum stess.

Semghet ix-xhieda ta' **Tony Zarb** moghtija fil 15 ta' Novembru 2013 kif ukoll dokumentazzjoni esebita mill-istess rikorrenti.

Semghet ix-xhieda in ezami u kontro ezami ta' **Samuel Grech** moghtija fit 3 ta' Ottubru 2014.

Semghet ix-xhieda ulterjuri in ezami u kontro ezami ta' Samuel Grech moghtija fl-24 ta' Novembru 2014 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Rat illi fit 23 ta' Marzu 2015 l-intimat Nathaniel Attard iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.

Rat illi fil 21 ta' Mejju 2015, il-Qorti iddikjarat il-provi ta' l-intimat Samuel Grech bhala maghluqa.

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tar-rikorrenti u ta' Nathaniel Attard, wara liema trattazzjoni il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta mill-verbalijiet tal-kawza, partikolarment il-verbal ta' l-24 ta' Novembru 2014, illi l-kawza odjerna kienet miexja mal-kawza 51/13, u ghalhekk il-provi migbura f'dik il-kawza kellhom jghoddu ghall-kawza odjerna wkoll.

Jirrizulta illi tul il-gbir tal-provi kollha, kemm fil-kawza odjerna kif ukoll fil-kawza 51/13, ma gie qatt ippresentat l-intervista kif ukoll ix-xandira illi dwarha kien qieghed jilmenta r-rikorrenti fil-kawza odjerna, la b'mod traskritt u wisq anqas b'mod viziv, u ghalhekk ma ngibietx il-prova kardinali, ossija dak illi dwaru kien qieghed jilmenta fuq ir-rikorrenti. Ghalhekk, il-Qorti ma tistax ma tasalx ghall-konkluzjoni illi ma ngibux provi sufficjenti fil-kawza odjerna sabiex jippruvaw il-kaz kontra l-intimati.

**Konkluzjoni**

Wara illi semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tar-rikorrent u l-intimat Nathaniel Attard

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tilqa** l-eccezzjonijiet kollha taz-zewgt intimati,

**Tichad** it-talbiet attrici.

Kawza tibqa bla taxxa. Kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur